## It-Traduttur Anzjan ta' Dokumenti bil-Malti

Ma' tmiem Ottubru sar l-eżami ta' Skrivan u Traduttur Anzjan ta' Dokumenti bil-Malti. Jidhrilna li bħala rivista li l-għan ewlieni tagħha hu t-tmexxija 'l quddiem tal-Lsien Malti, għandna l-akbar jedd li nitkellmu dwar dan il-post li minnu l-Malti jiddependi ħafna. Min għandu fi ħsiebu l-għażla tal-bniedem xieraq għal dan il-post, għandu joqgħod b'għajnejh miftuħa u jara fuq kollox li jkun bniedem imħarreġ tajjeb fil-Lsien Malti, li l-Malti jiktbu bla tbatija xejn, u li jaf l-Ilsien Ingliż sew.

Dnub li post bħal dan iridu jqisuh minn 'eżami ta' sagħtejn, u mhux minn ħajja sħiħa ta' xogħlijiet li jkun għamel il-bniedem. Għax post bħal dan jitlob bniedem li ġa għandu sengħa u prattika kbira fit-traduzzjonijiet bil-Malti. Kieku l-Gvern stħarreġ il-każ sewwa qabel ma ntħarġet it-tagħrifa għall-eżami, naħsbu li, għall-ġid ta' lsienna, kien ikun jaqbel aktar. Dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Malti, aħjar jitħalla f'idejn min jifhem... *u f'idejn min jifhem biss.*

## "Razju Vidal" ta' E. Serracino Inglott.

Is-Sena 1941 ftit u ftit wisq rat kotba bil-Malti. Imħabba ż-żminijiet imħarbta li għaddejjin minnhom, wieħed jifhimha li hi ħaġa iebsa biex il-moħħ għajjien u mxerred tal-kittieba jista' jikkunċentra ruħu ħalli joħloq xogħlijiet oriġinali. Iżda, sewwa sew fl-aħħar jum tas-sena deher fis-suq ta' kotba Maltin id-dramm "Razju Vidal" ta' Erin Serracino Inglott. Il-kitba ta' drammi bil-Malti batiet qatigħ u għaddiet minn żminijiet koroh ħafna mħabba li min tħajjar jikteb drammi bil-Malti ma kellux, l-ewwelnett, sies letterarju qawwi, u t-tieni, ħsiebu kien fuq kollox il-qligħ tal-flus. L-ewwel wieħed li tbiegħed minn din il-karfa ta' kitba kien Ninu Cremona meta fl-1936 ħareġ "Il-Fidwa tal-Bdiewa". Erin Serracino Inglott qabad hu wkoll it-triq it-tajba fil-kitba tad-drammi, u tana dramm li, għal dak li hu xogħol, għal dak li hu ħsieb, u għal dak li hu stil u ħidma ta' versi, ma fihx ħlief xi tfaħħar. Hu mibni fuq sfond storiku—Malta fi żmien il-Kavalieri—iżda l-karattri u l-ġrajjiet m'huma xejn storiċi. Il-kittieb żamm ruħu maħlul mill-irbit ta' l-istorja, u ttajjar u meraħ kif għoġbu fil-qasam tal-ħsieb u tal-fantasija. Il-ktieb maħdum tajjeb ħafna fuq il-versi maħlula tal-ħdax. Min issa ser jindaħal biex jagħtina dramm ieħor tajjeb? Dix-xorta ta' kitba neħtiġuha wisq.

## WERREJ

## TAS-SBATAX-IL SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| La hemm il-Ward hemm il-Ħajja | | 3 |
| Prof. Kan. G. Theuma-Relf | | 3 |
| *Mi-ka-el* | Dun Karm | 5 |
| Wenzu jsib lil Luċija f'Lazzarett | Dun Pawl | 6 |
| *Għad jerġa' jisbaħ* | **** | 12 |
| *Għaliex mela...!?* | Dun Karm | 13 |
| *Merħla Ngħaġ* | Ġużè Chetcuti | 13 |
| Biċċa mill-"Paradise Lost" ta' Milton | Ġużè Galea | 14 |
| *Nocturne (II)* | Ġużè Chetcuti | 17 |
| *Għaliex ?* | Ġorġ Pisani | 18 |
| Għaliex inħobb l-Ilsien Malti ? | P. Pawl Tabone o.f.m | 19 |
| *Fuq ix-Xtat ta' Wied Abbas* | A. Cremona | 22 |
| *Innu lil Sidtna Marija tal-Għar* | Dun Karm | 29 |
| Tagħrifa Filoloġika | M. D. C. | 30 |
| X'igħid il-Malti | G. Z. A. | 30 |
| *L-Għanja tal-Mewġ* | Ġużè Chetcuti | 31 |
| 'Leħen is-Sewwa' u l-Ortografija Tagħna | | 32 |
| Iva, fir-Rebbiegħa | | 33 |
| *Fis-7 ta' Mejju, 1941* | Dun Karm | 34 |
| *Malta Invicta* | Ġużè Chetcuti | 35 |
| Ħidma ta' Sena | " " | 36 |
| *Lwien* | Ġorġ Pisani | 39 |
| *Binti* | Karmenu Vassallo | 40 |
| Tifel tal-Baħar | Ġużè Galea | 43 |
| *Ieqaf mill-Ġlied* | **** | 50 |
| L-Ewwel Ġibda | G. Zarb Adami | 51 |
| *Mara* | Ġużè Chetcuti | 55 |
| *Il-Fiat ta' Marija* | R.M.B | 56 |
| Kotba li waslulna | | 56-82-144 |
| X'Nixtieqa | | 57 |
| *Il-Gwerra* | Ġużè Chetcuti | 59 |
| B'Tifkira tas-Sur Fons M. Galea | P. P. Saydon | 60 |